MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Numru 952/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**ROBERT CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Robert Cassar ta’ 43 sena, bin Nazzareno u l-mejta Carmen nee’ Hammet, imwieled Bormla nhar it-28 ta’ Ottubru, 1963, residenti fil-fond imsejjah Mater Maria Grazia, Triq Hanoover, Bormla, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 593563M;

Akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta’ Settembru, 2004, ghall-habta tal-12.15pm f’Bormla, ikkommetta serq ta’ somma ta’ flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta’ Francis Bugeja, persuna anzjana li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb il jaghmel delitt, u cioe’ dak ta’ serq, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-detriment ta’ Francis Bugeja, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekkwestra lill-imsemmi Francis Bugeja kontra l-volonta’ tieghu;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Francis Bugeja, persuna li ghalqet l-eta’ ta’ sittin sena;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 275, 276, 276A, 277(b), 279(b), 41, 221, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat li l-hames (5) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill- imsemmi imputat Robert Cassar hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation Services, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------